

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: E. de March u L. Flynn, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

### Suġġett

Fl-ewwel lok, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2003) 2890 finali, tat-13 ta' Awwissu 2003, li tikkanċella l-għajnuna tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), mogħtija lir-rikorrenti permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (90) 2363 025, tal-14 ta' Diċembru 1990, għal proġett ta' infrastruttura fi Sqallija, kif ukoll l-irkupru tal-ammonti diġà mħallsa mill-Kummissjoni fir-rigward ta' din il-kontribuzzjoni, fit-tieni lok, talba għall-annullament tan-nota ta' debitu Nru 3240504102 tal-Kummissjoni, tas-26 ta' Settembru 2003, u fit-tielet u l-aħħar lok, l-annullament ta' kull att ieħor konness jew preċedenti.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Ir-Regione Siciliana hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 304, 13.12.2003.

### Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Settembru 2008 — Stephens vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-139/04) (<sup>1</sup>)

(*Servizz pubbliku — Uffiċjali — Sentenza interlokutorja — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni*)

(2008/C 327/44)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

### Partijiet

*Rikorrent:* Kevin William Stephens (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: N. Lhoest, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u H. Krämer, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

### Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' April 2003 li tibdel il-klassifikazzjoni fil-grad tar-rikorrent, sa fejn din tiffissa l-klassifikazzjoni tiegħu fl-iskala, fid-data tal-ħatra tiegħu, għall-ewwel skala tal-grad A6, sa fejn tiffissa l-5 ta' Ottubru 1995 bħala d-data li fiha d-deċiżjoni tibda tipproduċi l-effetti pekunjarji tagħha u sa fejn ma terġax tistabbilixxi l-karriera fil-grad tar-rikorrent, u talba għall-annullament tad-deċiżjonij li tiċħad l-ilment tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni allegatament ikkawżati b'din id-deċiżjoni.

### Dispożittiv

- 1) M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq dan ir-rikors.
- 2) Il-Kummissjoni għandha tbatl l-ispejjeż kollha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 168, 26.6.2004.

### Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-29 ta' Settembru 2008 — Powderject Research vs UASI (POWDERMED)

(Kawża T-166/06) (<sup>1</sup>)

(*“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali POWDERMED — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(b) u (ċ) tar-Regolament (KE) Nru 40/94”*)

(2008/C 327/45)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

### Partijiet

*Rikorrenti:* Powderject Research Ltd (Oxford, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: A. Bryson, barrister, u P. Brownlow, solicitor)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-12 ta' April 2006 (Każ R 1189/2005-2) dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali POWDERMED bħala trade mark Komunitarja.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Powderject Research Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 190, 12.8.2006.